**17 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Zarb

**Kwerela - Proċeduri *ex officio* - Stupru - Korruzzjoni ta' minorenni - Offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku**

*Għalkemm l-azzjoni għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni titmexxa*

*dejjem mill-awtorita` pubblika (essendo reat li mhux ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tali azzjoni tehtieg il-kwerela tal-parti. Ghal din ir-regola hemm xi eccezzjonijiet, fosthom "fil-każijiet imsemmijin fil-proviso ta' l-artikolu 544". Il-proviso ta' l-artikolu 544, applikat ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jipprovdi li meta d-delitt "isir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata".*

*Ir-reat ta' offiża ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku ma jehtieg ebda kwerela proprju ghax hawn, bhal fil-każ ta' l-arrest illegali, si tratta ta' reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku.*

*Skond gurisprudenza kostanti, jekk l-istupru jew l-attentat vjolenti ghall-pudur isiru f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku - inkluż f'karozza li tkun fi triq pubblika - dawk ir-reati jkunu akkompanjati b'reat li jolqot l-ordni pubbliku proprju minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra George Zarb talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Diċembru, 1995 ghall-iabta tas-siegha ta' filghodu f'San Pawl tat-Tarġa limiti tan-Naxxar, fil-karozza Escort B-6103 (1) bla ordni skond il-liġi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm jew issekwestra lil Natasha Pirotta kontra l-volonta` taghha jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, liema arrest hu aggravat ghax serva bhala mezz biex mara tiġi mġieghla taghmel xi haġa jew toqghod ghal xi haġa li toffendi l-misthija tas-sess taghha, bi ksur ta' l-artikoli 86 u 87 (ġ) tal-Kodiċi Kriminali; (2) b'ghemil

żieni kkorrompa lil Natasha Pirotta, persuna ta' taħt l-eta', b'dan li l-istess Natasha Pirotta għandha erbatax-il sena, bi ksur ta' l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali; (3) ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur ta' l-istess Natasha Pirotta bi ksur ta' l-artikolu 207 ta' l-imsemmi Kodiċi; (4) u aktar offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku, bi ksur ta' l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju, 1996 li biha dik il-Qorti ddikjarat proċediment eżawrit fil-konfront ta' l-imputat, b'mod li għalhekk effettivament illiberatu;

Rat *ir-rikors ta' appell ta'* l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fil-14 ta' Lulju, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża r-risposta;

*Biex wieħed jifhem aħjar x'ġara f'dan il-każ,* il-Qorti ser tirrikapitola ftit dak li ġara u ngħad quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-10 ta' Ġunju, 1996, George Zarb tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Inferjuri bħala Qorti Istruttorja bl-akkużi aktar 'il fuq elenkati. L-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu bil-miktub għall-proċeduri sommarji ***ab initio*** u l-imputat (illum appellat) fil-kors ta' l-interrogatorju mill-Qorti Istruttorja ddikjara li ma kellux oġġezzjoni għal tali proċedura sommarja. F'dik il-ġurnata hu ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;

Fit-8 ta' Lulju, 1996 bdew jinstemgħu l-provi. Skond il-verbal ta' din l-udjenza (li jinkorpora fih id-deċiżjoni appellata) wara li xehed l-Ispettur Hubert Cini "dehru Natasha Pirotta u missierha *Pawlu Pirotta illi bil-ġurament ikkonfermaw ir-rieda* tagħhom illi dawn il-proċeduri ma jitkomplewx u illi għalhekk

jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali". L-uffiċjal prosekutur ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li peress li l-allegati reati saru f'lok pubbliku, l-istess reati ma kinux rinunżjabbli. Dik il-Qorti, pero`, jidher li ma qablitx u wara li għamlet referena għal xi deċiżjonijiet f'xi kawżi inferjuri rriteniet illi kienet "tal-fehma illi l-Pulizija Esekuttiva ma setgħetx tmexxi l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' George Zarb". Konsegwentement iddikjarat proċediment eżawrit b'mod li effettivament illiberat lill-imputat;

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali hu bażikament li l-imsemmija sentenza fiha applikazzjoni u enunċjazzjoni żbaljata tad-disposizzjoni tal-liġi għal dak li jirrigwarda l-proċedibilita` ta' l-azzjoni mingħajr il-ħtieġa tal-kwerela u għal dak li jirrigwarda x'jista' jiġi rrinunzjat. Skond l-Avukat Ġenerali setgħet tiġi rrinunzjata biss l-azzjoni għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, ċjoe` l-akkuża taħt l-artikolu 203 u fil-konfront ta' din l-akkuża biss setgħet l-Ewwel Qorti tiddikjara proċediment eżawrit. Infatti l-appellant qed jitlob lil *din il-Qorti sabiex tikkonferma d-deċiżjoni li l-proċediment hu* eżawrit għal dak li jirrigwarda l-akkuża taħt l-artikolu 203, iżda tirrevokaha fir-rigward tar-reati l-oħra;

Skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kodiċi Kriminali:

"L-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio* fil-każijiet kollha meta biex iġġibha 'l quddiem ma tkunx meħtieġa t-talba tal-parti privata jew meta l-liġi ma tħallix espressament it-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata";

L-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra Zarb hija dik ta' arrest illegali aggravat skond l-artikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali. L-azzjoni għal tali reat ma tirrikjedi ebda kwerela. Il-

Qorti tosserva li din l-imputazzjoni hi differenti minn dik ta' serq ta' persuna (*abduction*) ikkontemplata fl-artikolu 199, liema reat jirrikjedi l-kwerela tal-parti privata (ara artikolu 544);

It-tieni imputazzjoni hi dik ta' korruzzjoni ta' minorenni skond l-artikolu 203. Għalkemm l-azzjoni għal dana r-reat titmexxa dejjem mill-awtorita' pubblika (essendo reat li mhux ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali - ara artikolu 373, Kap. 9 u ***passim***, is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-12 ta' Settembru, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Pietru Cutajar**) tali azzjoni teħtieġ il-kwerela *tal-parti. Għal din ir-regola hemm xi eċċezzjonijiet*, fosthom "fil-każijiet imsemmijin fil-proviso ta' l-artikolu 544" (ara artikolu 203 (3) tieni proviso (a)). Il-proviso ta' l-artikolu 544, applikat għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jipprovdi li meta d-delitt "isir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata" ("... *independently of the complaint of the private party*", fit-test Ingliż);

It-tielet imputazzjoni hi dik ta' attentat vjolenti għall-pudur skond l-artikolu 207. F'dan il-każ huwa l-artikolu 544 li jipprovdi għall-ħtieġa tal-kwerela sabiex titmexxa l-azzjoni, pero', f'dan il-każ ukoll japplika l-proviso msemmi;

Ir-raba' imputazzjoni hi dik ta' offiża għall-pudur jew *għall-morali magħmula fil-pubbliku - artikolu 209. Dana* r-reat ma jeħtieġ ebda kwerela proprju għax hawn, bħal fil-każ ta' l-arrest illegali, si tratta ta' reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku (ara l-artikolu 543 (d), Kap. 9);

*Issa, skond ġurisprudenza kostanti, jekk l-istupru jew l-*

attentat vjolenti għall-pudur isiru f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku - inkluż f'karozza li tkun fi triq pubblika - dawk ir-reati jkunu akkompanjati b'reat li jolqot l-ordni pubbliku proprju minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali. Il-posizzjoni legali ġiet maġistralment esposta, u l-ġurisprudenza u d-dottrina miġbura, minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta** *vs* **Spiridione Tanti** *sive* **Tanti Costa** tat-12 ta' April, 1991, għal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni. Il-Qorti ser tillimita ruħha biss għas-segwenti bran mill-imsemmija sentenza:

"Din il-Qorti tibda biex tgħid li fuq l-iskorta ta' dak li ngħad fil-parti espositiva in materja ta' dottrina u ġurisprudenza huwa ovvju li l-fatt li l-att uniku li jagħti lok f'*dan il-każ kemm għall-istupru vjolent* kif ukoll għall-korruzzjoni ta' minorenni sar f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku huwa fattur risoluttiv peress li jimmetti f'kull wieħed minn dawk iż-żewġ delitti d-delitt l-ieħor ta' offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku kkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali bħala reat minuri involut u li hu *prosegwibbli ex officio.* Stabbilit l-element tal-pubbliċita' u konsegwentement dak li in tema ta' ordni pubbliku hu magħruf fid-dottrina l-element ta' l-iskandlu, huwa l-każ li jingħad bħalma kienet qalet il-Kummissjoni Senatorjali fil-kumment tagħha għall-Kodiċi Zanardelli li "*in simili casi, la convenienza personale deve cedere alla necessita' sociale, ne' fra questi due termini puo' esservi transazione possibile di quantita' o di misura ...*";

Kellu raġun, għalhekk l-Ispettur Cini meta quddiem l-Ewwel Qorti irritjena u ssottometta li ma kellux bżonn tal-kwerela biex huwa, bħala uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva, *jipproċedi bl-azzjoni kontra l-appellat fuq id-diversi* imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; u kellu raġun ukoll

meta ssottometta li ġaladarba hu seta' jipproċedi *ex officio* il-maħfra jew rinunzja tal-parti leża ma seta' jkollha ebda effett fuq l-azzjoni. Infatti din il-Qorti ssibha ħaġa stramba għall-aħħar li fir-rikors tiegħu, l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li hemm reċess ta' l-azzjoni fil-konfront tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, tant li fit-talba qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn din iddikjarat proċediment eżawrit fir-rigward ta' l-imputazzjoni taħt l-artikolu 203. Evidentement l-Avukat Ġenerali ma ħax konjizzjoni, jew ma fehemx il-portata tal-paragrafu (a) tat-tieni proviso tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 203. Din il-Qorti, pero', ma tistax tmur oltre dak li talab l-Avukat Ġenerali;

Fir-risposta tiegħu għar-rikors ta' appell, l-appellant George Zarb jeċċepixxi n-nullita' tar-rikors ta' appell u dan għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hija "stante n-nebolosita' tat-talba ta' l-appell". Fil-fehma tal-Qorti għalkemm it-talba hija waħda stramba għar-raġuni ġa' msemmija, l-istess talba tikkonfigura f'dak li jipprovdi l-artikolu 419 (1) (ċ) tal-Kodiċi Kriminali, fis-sens li hemm talba għat-tibdil ossia riforma tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. It-tieni raġuni avvanzata għan-nullita' ta' l-imsemmi rikors hi "li ma ġietx segwita u osservata l-proċeduri (<u>sic!</u>) stabbilita f'artikolu 414 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta mill-Pulizija". Din l-eċċezzjoni hi infondata għall-aħħar. Il-Pulizija ottemprat ruħha mad-disposizzjoni ta' l-artikolu 414, kif jirriżulta min-nota a fol. 19 ta' l-atti. Għalhekk din il-Qorti ser tirrespinġi l-preġudizzjali tan-nullita' tar-rikors ta' appell;

Għall-motivi premessi din il-Qorti (a) tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tan-nullita' tar-rikors ta' appell issollevati mill-appellant u (b) tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat proċediment eżawrit għar-rigward tat-tieni imputazzjoni (ċjoe' dik ta' korruzzjoni ta'

minorenni skond l-artikolu 203 tal-Kap. 9) iżda tħassaraha u tirrevokaha fil-bqija u ċjoe` in kwantu ddikjarat proċediment eżawrit għar-rigward l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u biex ma tipprivax lill-appellat mill-benefiċċju tad-doppju eżami, tordna li l-atti jintbagħtu minnufih lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tipproċedi skond il-liġi fir-rigward ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi George Zarb.